ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 01/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 01/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015**

**Ħin: Fis-7.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Marija Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier anzjan Carmelo Saliba ppresjeda s-seduta.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mill-Kunsillier Carmelo Saliba u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. <u>IL-ĦATRA TAS-SINDKU</u>

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona lis-Sur Nicky Saliba għall-kariga ta' Sindku. Is-Sur Christian Cassar issekonda. Qbil unanimu dwar il-ħatra tas-Sur Nicky Saliba Sindku taż-Żebbuġ.
Is-Sur Nicky Saliba ddikjara li qed jaċċetta l-kariga ta' Sindku tal-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ. Is-Sur Saliba ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga.

## 3. <u>IL-ĦATRA TAL-VIĊI SINDKU</u>

Il-Kunsillier Carmelo Saliba ppropona lis-Sur Daniel Cordina għall-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sinjura Sandra Grech issekondat. Qbil unanimu dwar il-ħatra tas-Sur Daniel Cordina Viċi Sindku taż-Żebbuġ.
Is-Sur Daniel Cordina ddikjara li qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali iż-Żebbuġ. Is-Sur Cordina ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga.



KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

Il-Kunsillier Carmelo Saliba awgura lill-Kunsill bħala wlied denji tal-lokalitajiet taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn u qal li l-*buon* sens dejjem għandu jreġi. Huwa wiegħed l-lealta` tiegħu għat-tmexxija tal-Kunsill. Is-Sur Saliba rringrazzja lill-Kunsill għall-fakulta` li ngħata biex ippresjeda l-ewwel parti tas-seduta.

Is-Sindku Nicky Saliba kompla jippresjedi s-seduta.

Is-Sindku rringrazzja lill-membri kollha. Huwa qal lest li jaħdem ma' kulħadd. Qal partiti ma jeżistux fil-Kunsill u lkoll għandna nħarsu lejn il-ġid tal-komunita` li ser inkunu qed nirrappreżentaw. Huwa qal ma jixtieqx ġaggbiniżmu fost il-membri u talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex kif sar tul l-aħħar leġislatura, hu jkun infurmat b' dak kollu li jiġri fil-Kunsill.

## 4. DEKASTERI

Is-Sindku qal jixtieq iħalli erba' / ħames laqgħat biex ikunu mqassma d-dekasteri u b' hekk naraw f' liema oqsma kull Kunsillier jista' jkun involut.

Is-Sur Carmelo Saliba talab għall-għaqda u koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn. Iċ-Chairperson li kienet preżenti għas-seduta saħqet li d-deċizjonijiet fuq Marsalforn jittieħdu mill-Kumitat u mhux mill-Kunsill.

## 5. AFFARIJIET OĦRA

Is-Segretarja Eżekuttiva spjegat dwar iż-żewġ offerti ZGLC 03/2015 u ZGLC 04/2015 li kienu ser jagħlqu l-għada. Hija qalet li għandu jkun appuntat Bord ta' Evalwazzjoni biex jirrakkomanda lill-Kunsill dwar iż-żewġ offerti.
Il-Kunsill qabel li l-Bord ta' Evalwazzjoni jkun magħmul minn:

Is-Sur William Sultana – Chairman
L-Av. Damian Bigeni – Segretarju
Il-Perit Teddie Busuttil
L-Inġ. Vince Rapa
Is-Sinj. Pauliana Said.

KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| Applikazzjonijiet | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| (i) Gozo Jeep Tours<br>Għal *barbeques* (lunch time) matul ix-xhur ta' Mejju u Ġunju 2015 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |
| (ii) Applikazzjoni għal provvista temporanja tal-elettriku – gabbana Bajja Xwejni Mejju – Settembru 2015. | Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għall-applikazzjoni ta' Cini. |
| (iii) Film Corporation Malta Ltd<br>Għal *filming* nhar il-11 ta' Mejju 2015 fi Triq Wied l-Infern. | Approvata – importanti li jitħalla passaġġ għall-bdiewa. |

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna għat-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva

KUNSILL LOKALI
ZEBBUG